**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru. : 458/2010**

**Il-PULIZIJA**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**-Vs-**

**Peter Agius**
**Peter sive Pierre Falzon**

**Illum, 16 ta' Diċembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **PETER SIVE PIERRE FALZON** ta' 49 sena, bin Frances u Carmelina nee' Muscat, imwieled Pieta', fil-5 ta' Awissu 1960, residenti f'Fusina, Triq Ġorġ Zammit, Attard, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 535060M; u **PETER AGIUS** ta' 40 sena, bin Angelo u Rita nee' Galea, imwieled Pieta', fid-9 ta' Marzu 1970, residenti f'Ave Maria, 86, Triq il-Greċja, Naxxar, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 131770M, akkużati:

**PETER SIVE PIERRE FALZON** waħdu talli f'dawn il-Gżejjer, fix-xahar ta' Mejju 2009 u/jew fil-jiem, ix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

1. Fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tiegħu bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, għamel falsifikazzjoni b'firem foloz, jew b'tibdil f'atti, fi skritturi, jew f'firem, jew f'firem, jew billi daħħal isem ta' persuna mhux vera, jew b'kitba magħmula jew imniżżla f'reġistri jew f'atti pubbliċi oħra, wara li kienu ġa ffurmati jew magħluqa;

2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, meta kiteb atti li jidħlu fid-dmirijiet tal-kariga tiegħu ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku, biddel bil-qerq is-sustanza jew iċ-ċirkostanzi tagħhom, sew billi niżżel pattijiet diversi minn dawk li kienu ġew iddettati jew magħmula mill-partijiet, kemm billi ddikjara vħala veri fatti foloz, jew bħala fatti magħrufa dawk li ma kinux;

3. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, fil-kapaċita' tiegħu ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku, ħareġ minn taħt idejh skrittura f'forma legali, u tagħha bħala kopja ta' att pubbliku meta dan l-att ma kienx jeżisti;

4. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz;

5. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli preċedenti għall-Artikolu 184 fis-Sub-titolu II tat-Titolu V f'Taqsima II tal-Kodiċi Kriminali;

6. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, xjentement għamel użu minn skrittura privata falza, liema skrittura setgħet tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli;

7. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat;

8. Kif ukoll talli fis-27 ta' Diċembru 2007, b'xi mod li jkun, xjentement, għent jew assistejt lil Peter Agius fl-atti illi bihom dan, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiċi foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' sitta u tmenin elf, mija u sitta u tmenin ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€86, 186. 82) għad-dannu ta' Geot Developments Limited (C 34387) u/jew Mary Violet Mifsud mill-Ħamrun u/jew Ronald Mifsud mill-Ħamrun;

u

**PETER AGIUS** waħdu talli f'dawn il-Gżejjer, fis-27 ta' Diċembru 2007:

1) B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiċi foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' sitta u tmenin elf, mija u sitta u tmenin ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€86, 186. 82) għad-dannu ta' Geot Developments Limited (C 34387) u/jew Mary Violet Mifsud mill-Ħamrun u/jew Ronald Mifsud mill-Ħamrun;

2) U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, b'xi mod li jkun, xjentement, għen jew assista lil Peter sive Pierre Falzon fl-atti illi bihom dan, meta kiteb atti li jidħlu fid-dmirijiet tal-kariga tiegħu ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku, biddel bil-qerq is-sustanza jew iċ-ċirkostanzi tagħhom, sew billi niżżel pattijiet diversi minn dawk li kienu ġew iddettati jew magħmula mill-partijiet, kemm billi ddikjara bħala veri fatti foloz, jew bħala fatti magħrufa dawk li ma kinux;

3) Kif ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, b'xi mod li jkun, xjentement, għen jew assista lil Peter sive Pierre Falzon fl-atti illi bihom dan, sabiex jikseb xi vantaġġ jew

benefiċċju għalih jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz;

4) U aktar talli b'hekk sirt reċidiv a terminu ta' l-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodiċi Kriminali b'żewġ sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati datati 10 ta' Novembru 2005 u 27 ta' Settembru 2007 rispettivament.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 30(1)(a) u 190 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-ezami l-imputati wieġbu li mhux ħatja;

Rat illi ġiet eżentata milli terġa' tisma' mill-ġdid ix-xhieda li kienu xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta[1] ;

Rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha esebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat in-nota tal-Avukat Generali mibghuta ghall-fini tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kap. 9 li permezz taghha huwa indika li tista' tinstab htija taht:-

**Fil-konfront ta' Peter sive Pierre Falzon waħdu:-**

a) Fl-artikoli 18 u 179 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Seduta tal-25 ta' Settembru 2018.

b) Fl-artikoli 18 u 180 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 18 u 181 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d) Fl-artikoli 18 u 188(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
e) Fl-artikoli 18 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
f) Fl-artikoli 18 u 187(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
g) Fl-artikoli 18 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
h) Fl-artikoli 42(d), 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
i) Fl-artikoli 30(1)(a) u 190 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
j) Fl-artikoli 17, 23, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Fil-konfront ta' Peter Agius waħdu**:-

k) Fl-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
l) Fl-artikoli 42(d) u 180 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
m) Fl-artikoli 42(d) u 188(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
n) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
o) Fl-artikoli 17, 23, 31, 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputati jiddikjaraw li m'għandhomx oġġezzjoni li l-każ tagħhom jiġi trattat bil-proċedura sommarja u deċiz minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[2];

Rat in-nota ta' sottomissojnijiet ippreżentata mill-Prosekuzzjoni in línea ta' trattazzjoni finali fis-27 ta' Lulju 2021;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difiza waqt is-seduta tal-25 ta' Ottubru 2021;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

[2] 9 ta' Jannar 2018.

**Provi**

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti u l-provi proċesswali, jirriżulta li l-imputat in-Nutar Peter sive Pierre Falzon kien ippubblika kuntratt ta' komprovendita fis-27 ta' Diċembru 2007 fejn l-imputat Peter Agius deher għan-nom u in rapprezentanza tal-kumpannija Geot Developments Limited u biegħ il-fond ossia penthouse ġewwa Flat 5, Stream Apartments, Triq il-Baċir il-Ġdid, Raħal Ġdid, lil Mary Violet Mifsud. Dan il-fond kien kolpit b'ipoteka speċjali/privileġġ reġistrat bin-numru 21619/04 a favur ta' HSBC Bank (Malta) plc ("il-Bank") iżda fl-imsemmi kuntratt ta' bejgħ, ġie dikjarat li l-fond ġie trasferit lill-imsemmija Mary Violet Mifsud bħala liberu u frank[3] u sussegwentement, fis-6 ta' Mejju 2009, ġie insinwat fir-Reġistru Pubbliku mill-imputat Falzon nota ta' riduzzjoni, bin-numru 1646/2009, tad-drittijiet ipotekarji tal-Bank in kwantu jolqtu dan l-istess fond. Sussegwentement, dan il-fond kien ġie ipotekat mill-kompratiċi Violet Mifsud a favur Terranova Properties Limited in linea ta' garanzija tar-ripagament ta' debitu fis-somma ta' €65,000, fuq kostituzzjoni ta' debitu ppubblikat min-Nutar Elena Farrugia fil-11 ta' Settembru 2008[4].

Madanakollu, jirriżulta mill-provi – u dan ukoll mhux kontestat mill-imputati - illi effettivament, il-Bank qatt ma kien ta l-kunsens tiegħu għar-riduzzjoni tad-drittijiet ipotekarji tiegħu in kwantu jolqtu dan il-fond partikolari. Kif jirriżulta mix-xhieda tar-rappreżentanti tal-Bank li xehdu f'din il-kawża, din ir-riduzzjoni tad-drittijiet ipotekarji ma kienetx ġiet awtorizzata mill-Bank li ma kien inħareġ l-ebda "Form B" fir-rigward ta' dan il-fond biex jawtorizza l-kanċellament jew riduzzjoni ta' drittijiet ipotekarji tal-Bank.

Ir-reġistrazzjoni tan-nota ta' riduzzjoni bin-numru 1646/2009 mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Bank ġie a konjizzjoni tal-istess Bank meta n-Nutar Elena Farrugia - li kienet inkarigata minn Terranova Properties Limited li favur tagħha Mary Violet Mifsud reġistrat l-ipoteka speċjali fuq il-penthouse in kwistjoni - ġiet biex

[3] Ara deskrizzjoni tal-fond mibjugħ fil-kuntratt ta' rexxissjoni tat-12 ta' Mejju 2009 – Dok. EM2, fol. 113.
[4] Dok. AG3, fol. 65. Iskrizzjoni ipotekarja bin-numru 14170/2008.

tagħmel riċerki dwar it-titolu ta' dan il-fond. Għalkemm fil-kuntratt ippubblikat mill-imputat Falzon fis-27 ta' Diċembru 2007, hemm stipolat li l-fond ġie trasferit lid-debitriċi Mary Violet Mifsud bħala ħieles minn ipoteki, in-Nutar Elena Farrugia xehdet li mir-riċerki li hija kkonduċiet fir-Reġsitru Pubbliku, il-fond kien jidher li kien għadu dak iż-żmien ipotekat favur il-Bank u meta hija għamlet kuntatt mal-Bank, ġiet infurmata minn Dr. Helen Borg Muscat li ma kienx sar rilaxx tal-ipoteka tal-Bank fuq dak il-fond. Meta in segwitu l-istess Nutar Farrugia infurmat lill-imputat Falzon dwar din id-diskrepanza, huwa kien bagħtilha kopja tal-imsemmija nota ta' referenza (R 1646/09) tar-riduzzjoni tad-drittijiet ipotekarji tal-Bank, insinwata fis-6 ta' Marzu 2009. Hi talbitu wkoll kopja tal-kuntratt li bih il-Bank kien irriduċa d-drittijiet ipotekarji tiegħu fuq il-fond u rċeviet kopja awtentikata ta' kuntratt ippubblikat minnu fit-18 ta' Frar 2008 fejn jinsab stipolat li l-Bank, permezz tar-rappreżentant legali tiegħu Dr. Helen Borg Muscat, ta l-kunsens fost oħrajn, għar-riduzzjoni tal-ipoteka/privileġġ bin-numru 21619/04 in kwantu jolqot il-penthouse in kwistjoni[5].

Da parti tagħha, in-Nutar Farrugia bagħtet lill-Bank, speċifikatament lil Dr. Helen Borg Muscat, il-kopja ta' dan il-kuntratt li bagħtilha l-imputat Falzon sabiex terġa' tagħmel il-verifiki. Minn dawn il-verifiki irriżulta li din il-kopja tal-kuntratt ta' riduzzjoni[6] kienet sostanzjalment differenti mill-kuntratt li jinsab fir-reġistru tal-imputat Falzon u li ntbagħat lil Dr. Helen Borg Muscat mill-uffiċju tiegħu fuq talba tagħha għaliex minn dan tal-aħħar, jirriżulta illi effettivament, hija kienet dehret quddiem l-imputat Falzon mhux biex tirriduċi d-drittijiet ipotekarji tal-Bank fuq il-fond mibjugħ lil Mary Violet Mifsud, iżda biss biex tikkanċella d-drittijiet ipotekarji tal-Bank fuq proprjeta' oħra li ma kellha x'taqsam xejn mal-fond in kwistjoni[7].

B'referenza għall-att dikjaratorju pubblikat mill-imputat Falzon fit-18 ta' Frar 2008[8], Dr Helen Borg Muscat xehdet hekk[9]: "*Fil-fatt dan huwa l-kanċellament. Dan huwa l-kuntratt li ffirmajt jiena, li huwa l-kanċellament biss. Imma wara jiena kont rajt*

[5] Dok. EF1, fol. 143.
[6] Datat 18 ta' Frar 2008.
[7] Dok. EM, fol. 331.
[8] Dok. EM, fol. 331.
[9] Xhieda tal-24 ta' Awwissu 2016.

*jiġifieri kopja ta' dan, fejn kien hemm il-kanċellament bħala A u B ġie infilzat ir-rilaxx.*"[10] Mistoqsija mill-Qorti x'kellu nieqes ir-rilaxx li deher fil-kopja awtentikata tal-kuntratt tat-18 ta' Frar 2008 li ġiet fil-pussess tan-Nutar Elena Farrugia[11], ix-xhud wieġbet "*Kellu nieqes primarjament il-kunsens tal-Bank biex jawtorizza rapprezentant tieghu biex jidher fuq il-kuntratt tar-rilaxx ... Jiġifieri fir-records tagħna kien ikollna fejn il-Bank qiegħed jawtorizza lil xi rappreżentant tiegħu mill-Legal Office normalment, biex jidher fuq il-kuntratt u jirrilaxxa l-proprjeta' .... F'dan il-każ ma kienx hemm l-awtorizzazzjoni biex aħna. Xi ħadd minna jidher fuq dak il-kuntratt.*"

Mill-provi jirriżulta illi f'dan l-istadju, il-Bank għamel kuntatt mal-imputat Falzon dwar dawn id-diskrepanzi u l-istess imputat, anke permezz ta' ittra mibgħuta lilu lill-Bank fil-15 ta' Mejju 2009[12], irrikonoxxa li kien sar żball tant illi huwa rreġistra nota ta' referenza għall-kanċellament tan-nota ta' riduzzjoni bin-numru 1646/2009[13] filwaqt li fit-12 ta' Mejju 2009 huwa ppubblika wkoll att ta' rexxissjoni tal-kuntratt ta' bejgħ tal-fond lil Mary Violet Mifsud li kien ġie pubblikat fis-27 ta' Diċembru 2007. Permezz ta' dan il-kuntratt ta' rexxissjoni, il-prezz tal-bejgħ kien ġie rifuż lil Mary Violet Mifsud u l-fond reġa' ġie reintegrat fil-patrimonju ta' Geot Developments Limited[14].

Hija wkoll it-teżi tal-Prosekuzzjoni li l-imputat Peter Agius ma kienx awtorizzat jirrappreżenta lis-soċjeta' Geot Developments Limited fuq il-kuntratt ta' bejgħ tal-fond in kwistjoni lil Mary Violet Mifsud[15] u li r-riżoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi li trid tidher li tawtorizza lill-istess Peter Agius jidher għan-nom ta' din il-kumpannija għall-bejgħ tal-appartamenti 1 u 5, Stream Apartments, Triq il-Baċir il-Ġdid, Paola, hija falsifikata.

---

[10] Fol. 334.
[11] Dok. EF1.
[12] Dok. EM1 fol. 110.
[13] Dok. EM3 fol. 114 datat 16 ta' Marzu 2009.
[14] Dok. EM2 fol 113
[15] Il-kuntratt tas-27 ta' Diċembru 2007.

Fir-rigward, Peter Diacono, wieħed mid-diretturi tal-kumpannija Geot Developments Limited, xehed illi għalkemm il-firma li tidher fuq Dok. AG1[16], ċioe' ir-riżoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-imsemmija kumpannija hija tiegħu, huwa qatt ma ffirma dik ir-riżoluzzjoni u ċaħad kategorikament illi l-kumpannija tiegħu qatt iddelegat is-setgħa lil Peter Agius biex jidher għan-nom tagħha fuq xi kuntratt għall-bejgħ u trasferiment ta' xi proprjeta' tal-kumpannija, fosthom l-appartament mertu ta' dawn il-proċeduri. Huwa xehed ukoll li ma kienx infurmat illi l-fond in kwistjoni kellu jinbiegħ mill-imputat Peter Agius lil terzi u dan it-trasferiment qatt ma kien awtorizzat mill-kumpannija tiegħu. Żied jgħid li huwa sar jaf bit-trasferiment tal-fond in kwistjoni lil Mary Violet Mifsud għaliex kien għarrfu l-Bank

**Reati Konnessi mar-Rappreżentanza tal-Kumpannija Geot Developments Limited fuq il-Kuntratt tas-27 ta' Diċembru 2007**

Il-Qorti fliet il-provi u l-atti u hi konvinta li l-imputat Agius kien jaf tajjeb li ma kellu l-ebda setgħa li jbiegħ l-appartamenti jew garaxxijiet li ġew żviluppati bi sħab bejnu u bejn il-kumpannija Geot Developments Limited ("Geot") għaliex dan stqarru huwa stess meta xehed quddiem il-Qorti fil-25 ta' Settembru 2018. Huwa xehed illi filwaqt li inizzjalment, kien ftiehem ma' Peter Diacono li kellu jiġi assenjat appartament partikolari (bin-numru tnejn) fil-blokk in kwistjoni u dan sabiex jiġi kkumpensat għall-ispejjeż tal-kostruzzjoni tal-istess blokk, kien l-istess Peter Diacono u mhux hu li kien deher fuq il-kuntratt ta' bejgħ ta' dan l-imsemmi appartament u għaddielu l-prezz tal-bejgħ[17]. L-imputat Agius xehed illi in segwitu għal dan, huwa flimkien ma' ħuh Roderick Agius kien ikkonkluda konvenju mal-kumpannija Geot Developments Limited biex jakkwista mingħandha l-units kollha li kienu għadhom mhux mibjugħin fil-blokk in kwistjoni. Qal ukoll li b'hekk seta' jidher waħdu għall-bejgħ tal-units individwali.

[16] Fol. 49.

[17] (fol. 372, 373. 374)

Iżda l-Qorti tosserva li l-konvenju esebit fl-atti, datat 28 ta' Awwissu 2007, ma jiddelega l-ebda setgħa bħal din lill-imputat Agius. Għall-kuntrarju, f'dan il-konvenju ġie stipolat hekk:- "*6. The seller*[18] *binds himself to appear on any preliminary agreements or contract as requested by the buyer, so long as the selling prices are according to or more than those stated in this agreement*". Huwa minnu li fl-atti nsibu wkoll kopja mhux iffirmata u lanqas datata, ta' skrittura li setgħet ġiet konkluża bejn l-imputat Agius, ħuh u Geot Developments Limited[19] fejn l-imputat Agius ġie awtorizzat jirreklama f'isem il-kumpannija[20] l-bejgħ tal-appartamenti fil-blokk u jipperċepixxi l-ħlas tal-bilanċ rimanenti fuq il-prezz tat-trasferiment kif hemm stipolat, iżda mkien f'din l-iskrittura l-imputat Agius ma ġie awtorizzat biex jidher f'isem u għan-nom ta' Geot fuq il-konvenju u kuntratt ta' bejgħ ta' dawn l-appartamenti. Kemm hu hekk, fir-raba' paragrafu ta' din l-iskrittura[21] l-kumpannija Geot intrabtet li tersaq għall-konvenju u kuntratti relattivi għat-trasferiment ta' dawn il-proprjetajiet taħt numru ta' kundizzjonijiet.

Kwantu għad-dokument li jrid jidher bħala riżoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi ta' Geot Developments Limited (Dok. AG1), l-imputat Agius ċaħad li kien ra dan id-dokument għand in-Nutar, l-imputat Falzon, jew li kien iddiskutiha ma' Peter Diacono. Fix-xhieda tiegħu jippreċiża illi huwa ma kienx tkellem ma' Peter Diacono qabel sar il-kuntratt tal-bejgħ tal-penthouse lil Mary Violet Mifsud u xehed ukoll illi huwa ħalla f'idejn in-Nutar biex isiru r-riċerki u jagħmel l-arrangamenti meħtieġa biex isir dan il-kuntratt ta' bejgħ fis-27 ta' Diċembru 2007. Xehed illi lin-Nutar Falzon kien qallu wkoll biex javża lil Peter Diacono peress li huwa kellu jidher fuq il-kuntratt tal-bejgħ[22]. Xehed ukoll li kien jaf li "*l-penthouse ma kienx fuqi*" u kien anke konsapevoli li kien hemm ipoteka fuq dan l-appartament.

Da parti tiegħu, l-imputat in-Nutar Peter sive Pierre Falzon xehed illi kien jaf illi l-fond in kwistjoni ma kienx jappartjeni lill-imputat Agius iżda lil Geot. Ikkonferma

[18] Ċioe' Geot Developments Limited.
[19] Fol 72, esebit mill-Ispettur Angelo Gafa 27 ta' Ġunju 2012.
[20] Jidher li l-isem tal-kumpannija f'din il-klawsola partikolari tniżżlet erronjament bħala "Geot Trading Limited".
[21] Fol. 72.
[22] Xhieda tal-imputat Peter Agius, fol, 388.

wkoll li kien jaf li kienu sħab f'dan l-iżvilupp[23] u fir-rigward, għamel referenza għall-konvenju bejn Geot u l-imputat Agius, konkluż fit-28 ta' Awwissu 2007, liema konvenju jinsab esebit fl-atti bħala Dok. AG5[24]. Jikkonferma wkoll li għamel ir-riċerki neċessarji u li d-dokument li kien meħtieġ biex l-imputat Peter Agius ikun awtorizzat jirrappreżenta lil Geot, ċioe' r-riżoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi ta' Geot, effettivament wasal fl-uffiċju tiegħu iżda min kien ġabu ma jafx. Huwa xehed illi għalkemm dan id-dokument kien fotokopja u mhux oriġinal, huwa kien sodisfatt bih għaliex kien ilu jaf lill-imputat Agius fuq bażi professjonali għal diversi snin u ma kellux għalfejn jiddubita minnu. Fix-xhieda tiegħu jikkonferma illi huwa ċċertifika din il-fotokopja bħala vera kopja u ttranżuntaha fl-atti tiegħu tat-3 ta' Novembru 2007, filwaqt li jiddikjara wkoll li ma jafx minn fejn ġie dan id-dokument u li l-oriġinal tad-dokument ma kienx rah.

L-imputat Falzon jiċħad li huwa ffalsifika dan id-dokument u fix-xhieda tiegħu qal li sar jaf bl-allegat irregolarita' f'dan id-dokument u bil-fatt li l-imputat Agius ma kienx awtorizzat li jidher għan-nom ta' Geot fuq il-kuntratt ta' bejgħ tal-penthouse in kwistjoni, ħafna żmien wara meta sar kuntatt miegħu mill-avukat ta' Peter Diacono. Minn hemmhekk, huwa pproċeda minnufih biex għamel dak kollu meħtieġ biex jiġi rexxiss il-kuntratt ta' bejgħ tas-27 ta' Diċembru 2007 u biex il-partijiet kollha involuti jitqiegħdu fil-pożizzjoni oriġinali biex b'hekk ħadd ma bata l-ebda telf. L-imputat Falzon ċaħad ukoll li b'xi mod, huwa għamel xi qligħ minn din it-transazzjoni jew li kkolluda mal-imputat Agius biex ġie pubblikat il-kuntratt ta' bejgħ tas-27 ta' Diċembru 2007, anke għaliex il-fond kien diġa ta' Peter Agius għad illi t-trasferiment formali kien għadu ma sarx.

Ikkunsidrat;

---

[23] Ara xhieda tal-imputat Falzon, fol. 400, 401.
[24] Fol. 70.

Fl-ewwel imputazzjoni miġjuba kontrih, l-imputat Peter Agius qed jiġi akkużat bħala l-awtur tar-reat ta' truffa taħt l-Artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li l-imputat Falzon qed jiġi mixli b'kompliċita' fit-twettiq ta' dan ir-reat[25].

Qabel xejn, ikun opportun illi jigi stabbilit x'inhuma l-elementi li jsawru r-reat taħt l-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, sabiex imbagħad jigi determinat jekk dawn isibux riskontru fil-fattispecje tal-kaz odjern safejn jinsabu akkużati b'dan ir-reat iż-żewġ imputati.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra**[26] ġie affermat illi:-

*"Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm* ***ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkommetti ir-reat u il-vittma****. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe'* ***l-uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali****. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti* ***fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu****. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti.* [emfasi ta' din il-Qorti]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Fountain et**[27] ġie ritenut hekk in propositu tal-element tal-ingann meħtieġ għal entrambi reati prospettati mill-Artikolu 308 u 309 tal-Kap. 9:-

*"Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata* ***irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf***

[25] It-tmien imputazzjoni.
[26] *Supra*.
[27] Deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fil-15 ta' Dicembru, 2011 (Numru: 688/2009)

***patrimonjali bil-konsegwenti qliegh ghall-agent*** *... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis-en-scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat).*[28]

Illi dak li jikkostitwixxi "*raġġiri*" u "*artifizji*" li huma meħtieġa biex jiġi ravviżat ir-reat ta' truffa, ukoll huwa ben stabbilit. Fi kliem Antolisei[29]:-

*"... artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta` effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu` precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.*

Ġie kostantement ritenut illi m'huwiex biżżejjed għall-finijiet tar-reat ta' truffa, "*affermazzjonijiet, lużingi u promessi*", mingħajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibbilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Madanakollu, fl-istess waqt, dawn ir-raġġiri jew artifizzji li jigu impjegati mill-agent tar-reat m'għandhomx għalfejn ikunu "*… xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet'.*[30]

Kwantu, speċifikatament, l-element formali tar-reat, ingħad:

"*.... illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li* ***s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni***

[28] Emfasi ta' din il-Qorti.
[29] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356.
[30] **Pulizija vs Emanuel Ellul** deciza 20 ta' Gunju 1997.

***tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-leġittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo**.*"[31] (emfasi ta' din il-Qorti)

Imbagħad, in kwantu għar-reat taħt l-Artikolu 309 tal-Kap. 9, dan jistipola li huwa ħati tar-reat ta' qligħ b'qerq kull min, bi ħsara ta' ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu. Huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħħa li d-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa u r-reat minuri ta' frodi innominata hija determinata mit-tip ta' ingann adoperat mill-aġent. L-elementi tan-ness bejn l-aġent tal-frodi u l-vittma, l-użu ta' ingann li jwassal lill-vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali u l-intenzjoni tal-frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu, huma meħtieġa għaż-żewġ reati u huma biss il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mill-frodi innominata.

L-elementi meħtieġa għar-reita' taħt l-Artikolu 309 ġew imfissrin hekk:-

"*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza* **Il-Pulizja vs Carmela German** *(Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): "Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra*."

[31] **Ara Il-Pulizija v. Charles Abela**, deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fis-6 ta' Lulju 2016, li fiha ċitat eżawrjentement mis-sentenza **Il-Pulizija v. Marjanu Zahra**, *op cit*.

Jinsab ritenut ukoll illi fil-kriminalizzazzjoni tal-kondotta ravviżata fl-Artikolu 308 tal-Kap. 9, il-leġislatur qed jittutela speċifikatament, anzicche' l-interess pubbliku fil-fiduċja reċiproka fir-rapporti patrimonjali individwali, l-interess pubbliku li jiġi vjetat l-użu tal-ingann li jinduċi bniedem jiddisponi minn ġid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jagħmel[32].

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tesebixxi fl-atti proċesswali kopja tal-kuntratt ta' bejgħ ippubblikat mill-imputat Falzon fis-27 ta' Diċembru 2007 u għalhekk, il-Qorti ma għandhiex quddiemha dak li ġie effettivament stipolat fil-kuntratt riferibbilment għad-dokument li ntuża biex jissostanzja l-kapaċita' rappreżentattiva tal-imputat Peter Agius fuq il-kuntratt. Madanakollu, m'huwiex kontestat li dan il-kuntratt jeżisti u ġie effettivament ippubblikat mill-imputat Falzon: dan huwa ammess miż-żewġ imputati fid-deposizzjoni tagħhom quddiem il-Qorti u f'kull każ, tinsab esebita fl-atti il-kuntratt ta' rexxissjoni[33] tal-kuntratt tas-27 ta' Diċembru 2007. F'dan il-kuntratt ta' rexxissjoni, jingħad espressament hekk b'referenza għall-kuntratt ta' bejgħ:- "*... fuq liema kuntratt deher ċertu Peter Agius ... għan-nom tas-soċjeta Geot Developments Limited u ttrasferixxa lill-kompratriċi nomine il-penthouse ... libera u frank bid-drittijiet u pertinenzi tagħha kollha ...*"[34] **Barra dan, l-imputat Falzon xehed illi huwa għamel il-kuntratt tas-27 ta' Diċembru 2007 abbażi ta' dak li kien hemm miktub fir-riżoluzzjoni tal-kumpannija Geot**.

Għalkemm Peter Diacono fix-xhieda tiegħu ikkonferma li l-firma fuq Dok. AG1 hija tiegħu, huwa ċaħad kategorikament li huwa ffirma din ir-riżoluzzjoni bħalma ċaħad ukoll li l-kumpannija tiegħu awtorizzat lill-imputat Agius jidher għan-nom ta' Geot fuq xi kuntratt ta' trasferiment tal-appartament in kwistjoni. Għall-Qorti, dan huwa biżżejjed biex jikkonvinċiha li d-dokument in kwistjoni, Dok. AG1, ma ġiex

---

[32] **Il-Pulizija v. Marjanu Zahra** deċiża mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-2 ta' Marzu, 2011.
[33] Datat 12 ta' Mejju 2009 – Dok. HT1, fol. 466 *et seq*.
[34] Ara wkoll nota ta' referenza tal-kuntratt ta' rexxissjoni, esebita bħala Dok. EM2, fol. 113.

effettivament maħruġ u ffirmat minn min id-dokument fih innifsu jrid juri li għamel dan u li għalhekk, huwa falsifikat.

Huwa minnu li ma hemm prova diretta li turi li kien proprju l-imputat Peter Agius li ffalsifika din ir-riżoluzzjoni (Dok. AG1) jew li kien hu personalment li għadda dan id-dokument lill-imputat Falzon. Iżda wara li fliet ix-xhieda u l-provi, il-Qorti hija sodisfatta li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova fil-grad rikjest illi l-imputat Peter Agius - għalkemm hu ċaħad illi qatt ra d-dokument li awtorizzah jidher għan-nom ta' Geot fuq il-kuntratt tas-27 ta' Diċmebru 2007 - **ma setax ma kienx jaf li kien sar xi manuvra biex jingħata sostenn lid-dikjarazzjoni tiegħu dwar il-kapaċita' rappreżentattiva li fiha deher meta biegħ il-penthouse lil Mary Violet Mifsud**. Dan, wara kollox, huwa presunzjoni ta' fatt li tinsilet mill-kumpless tal-provi li juru mingħajr ekwivoku li l-imputat Agius, għad illi kien jaf li ma setax jidher fuq il-kuntratt għall-bejgħ tal-penthouse lil Mary Violet Mifsud, deher waħdu fuq dan il-kuntratt mingħajr il-presenza ta' Peter Diacono jew rappreżentant ieħor tal-kumpannija Geot u *ex admissis*, mingħajr lanqas għarraf lill-istess Peter Diacono dwar il-bejgħ prospettiv kif ukoll, kif iridna nemmnu l-istess imputat, mingħajr lanqas ivverifika man-Nutar x'kien sar biex seta' jidher waħdu għan-nom ta' Geot. Dan kollu meta huwa kien jaf tajjeb ħafna li l-presenza tal-kumpannija fuq l-att tat-trasferiment tal-fond kienet meħtieġa ġaladarba kienet għadha proprjetarja tal-appartamenti rimanenti fil-blokk.

**M'huwa xejn affattu verosimili li l-imputat Agius, fil-kumpless ta' dawn il-provi indizzjarji kollha, ma kienx jaf li l-kapaċita' rappreżentattiva tiegħu fuq il-kuntratt kellha tingħata b'xi mod jew ieħor xeħta oġġettiva ta' legalita'**: hu ovvju mix-xhieda li huwa ma kienx novizz fil-qasam tal-proprjeta' u kien familjari mal-proċeduri marbutin ma' bejgħ ta' proprjeta' immobbli. Inoltre, hija skuża ferm fjakka tal-imputat Agius li jgħid li kien ħalla f'idejn l-imputat Falzon bħala n-Nutar inkarigat, biex jagħmel l-arranġamenti meħtieġa meta, kif ġia' stabbilit, huwa stqarr li kien jaf li ma setax jidher għan-nom tal-kumpannija Geot u mill-provi jirriżulta li l-

presenza tal-istess kumpannija fuq kuntratti eventwali ta' trasferiment tal-appartamenti fil-blokk, kienet għadha meħtieġa[35].

**Dan kollu għall-Qorti hu ferm sintomatiku tax-xjenza tal-imputat Agius dwar l-eżistenza u l-użu tar-riżoluzzjoni falsifikata in sostenn tar-rwol rappreżentattiv li fih deher fuq il-kuntratt ta' bejgħ tal-fond** u fl-assjem ta' dan kollu, il-verżjoni tal-imputat Agius li huwa kien mingħalih li l-affarijiet saru b'mod regolari, ma jikkonvinċix lanqas sal-grad tal-probabbli. Konformement, il-Qorti hi pjenament sodisfatta li l-imputat Peter Agius mexa b'ingann fil-konfront ta' Geot kif ukoll fil-konfront ta' Mary Violet Mifsud meta deher fuq l-att ta' bejgħ tal-penthouse u ta tagħrif falz dwar il-kapaċita' rappreżentattiva tiegħu u tas-setgħa li kellu biex jittrasferixxi l-fond in diżamina.

Jirriżulta wkoll ippruvat l-użu tal-ingann da parti tal-imputat Agius permezz ta' att estern u l-messa in xena fil-konfront ta' Mary Violet Mifsud, il-kompratriċi. Dan qed jingħad għaliex il-kuntratt li fuqu huwa ppreżenta ruħu frawdolentement bħala persuna awtorizzata mill-kumpannija venditriċi biex ibiegħ il-penthouse, ġie ppubblikat abbażi ta' dokument iffalsifikat, liema dokument intuża biex jagħti materjalita' għad-dikjarazzjoni menzjoniera tiegħu fuq l-istess kuntratt.

Kwantu l-prova tal-element materjali tar-reat ta' truffa li l-frodatur uża l-ingann biex fl-aħħar mill-aħħar jikseb profitt jew vantaġġ għalih innifsu, il-Qorti hija sodisfatta bil-prova li l-imputat Agius kellu interess li jbiegħ il-penthouse lill-kompratur mingħajr l-involviment ta' Geot Developments Limited biex jagħmel gwadann a skapitu tagħha. Dan hu evidenti mill-fatt illi fil-konvenju konkluż mal-istess kumpannija fit-28 ta' Awwissu 2007, ġie stipolat hekk: "*Should the buyer or seller sell any unit prior to that date, the waiver required by the bank (HSBC) will be paid to the seller on contract and deducted from the above-mentioned amount. The seller binds himself to forward waiver to bank to obtain hypothec release*" u "*The seller binds himself to appear on any preliminary agreements or contract as requested by*

[35] Ara l-konvenju konkluz bejn Geot u l-imputat Agius ftit xhur qabel, fit-28 ta' Awwissu 2007.

*the buyer, so long as the selling prices are according or more than those stated in this agreement*". Minn dan il-Qorti fehmet li l-imputat Agius, ġaladarba l-fond jinbiegħ mingħajr il-konsapevolezza ta' Geot, **mhux biss seta' jevita jbiegħ bil-prezz minimu stabbilit għall-bejgħ iżda wkoll, iktar sinjifikanti minn hekk, evita r-riduzzjoni mill-prezz tal-bejgħ tal-ammont stabbilit biex jinkiseb il-*waiver* tal-Bank fuq dak il-fond partikolari meta fil-frattemp, is-self bankarju fuq l-art in kwistjoni jirriżulta li kien għadu qed jitħallas mill-kumpannija Geot**[36].

Kwantu għal Mary Violet Mifsud, il-kompratiċi, huwa stabbilit li hija effettivament ġiet ingannata sabiex tikkontratta ma' persuna li ma kienetx awtorizzata tbiegħlha l-penthouse, bil-konsegwenza li sofriet telf patrimonjali meta ħallset prezz għall-akkwist mhux awtorizzat ta' dan il-fond. Fond li kien ukoll mgħobbi b'piż ipotekarju favur il-Bank meta dan kellu jiġi trasferit lilha bħala liberu u frank. Kemm hu hekk, dan l-akkwist kellu jiġi rexxiss wara sena u nofs b'telf patrimonjali ovvju lill-istess kompratiċi.

Fil-konfront tal-kumpannija Geot l-aġir tal-imputat Agius hu wkoll qarrieqi u l-frodi wkoll huwa ippruvat, għaliex meta deher waħdu fuq l-att tat-trasferiment bħala persuna awtorizzata mill-istess kumpannija biex tbiegħ il-fond tagħha lil terzi ad insaputa tagħha, huwa eluda d-drittijiet tagħha bil-konsegwenza li hija sofriet telf patrimonjali. Madanakollu, il-Qorti m'hijiex sodisfatta li ntużaw raġġiri jew atti esterni biex jitwettaq l-ingann fil-konfront ta' Geot għaliex il-qerq u l-ingann ġie perpetrat billi l-imputat Agius **naqas** milli jgħarrafha bil-bejgħ prospettiv kif kien obbligat jagħmel biex jiġi assigurat l-osservanza tal-kundizzjonijiet stipolati fil-konvenju konkluż bejniethom u billi **naqas** milli jikseb l-awtorizzazzjoni tagħha għall-bejgħ u inqeda minflok, b'rappreżentazzjoni falza tal-kumpannija. Għaldaqstant, fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza paċifika in materja, l-imputat Agius, fil-konfront tal-kumpannija Geot, jista' jinstab ħati biss għar-reat minuri ta' frodi nnominata kif ravviżat fl-Artikolu 309 tal-Kap. 9.

---

[36] Ara konvenju, Dok. AG5, fol. 70, klawsola 4.

Huwa minnu li, kif ġie sottomess mid-difiża waqt it-trattazzjoni, il-kuntratt tas-27 ta' Diċembru 2007 ġie rexxis iżda l-Qorti ma taqbilx illi l-fatt li l-partijiet kollha konċernati, inkluż il-vittmi tal-frodi, setgħu tqiegħdu lura fil-pożizzjoni oriġinali tagħhom bil-pubblikazzjoni tal-kuntratt tat-12 ta' Mejju 2009, jista' jinnewtralizza l-fatt li l-imputat Agius uża l-ingann biex jittrasferixxi fond lil terzi u għamel gwadann illeċitu a skapitu ta' Geot kif ukoll tal-kompratiċi. **Il-Qorti hi tal-fehma li r-reat ta' frodi ġie kkonsmat fl-elementi kollha tiegħu mal-mument tal-pubblikazzjoni tal-istess kuntratt fis-27 ta' Diċembru 2007 meta l-proprjeta' tal-fond għaddiet lil Mary Violet Mifsud**. Jingħad illi l-element materjali tat-telf patrimonjali għall-vittmi mhux meħtieġ li jkun wieħed kontinwu jew li jipperdura: ir-reat ta' truffa wara kollox, huwa wieħed istantanju u jiġi kkonsmat hekk kif jiġu riskontrati flimkien l-elementi kollha kostituttivi tar-reat, anke jekk in segwitu, ikun hemm restituzzjoni tat-telf jew xi xort'oħra ta' reintegrazzjoni tal-patrimonju. Dan ifisser illi anke jekk il-partijiet kollha involuti jiddikjaraw li fl-aħħar mill-aħħar, ħadd minnhom ma spiċċa bata xi telf, ma jfissirx li r-reat ma jkunx ġie kommess. Għalhekk, il-fatt li l-partijiet kollha, ċioe' l-Bank, il-kumpannija Geot u Mary Violet Mifsud, eventwalment tpoġġew lura fl-i*status quo ante* ma jiswa xejn ħlief għall-fini tal-kalibrazzjoni tal-piena.

**Għaldaqstant, l-imputat Peter Agius għandu jistab ħati tar-reat ta' truffa addebitat lilu fl-ewwel imputazzjoni fil-konfront ta' Mary Violet Mifsud u ħati tar-reat ta' frodi nnominat fil-konfront ta' Geot Developments Limited**[37].

Ikkunsidrat;

**Kwantu għall-imputat Falzon** - ġaladarba hija stabbilita l-ħtija tal-imputat Agius għar-reat ta' truffa taħt l-Artikolu 308 tal-Kap. 9 u l-ħtija tiegħu talli għamel dikjarazzjoni ta' fatti foloz - il-Qorti trid tistħarreġ jekk ġewx ippruvati fir-rigward tal-imputat Falzon l-elementi ta' kompliċita' fit-twettiq tar-reat ta' truffa u l-elementi tar-

[37] Il-konsiderazzjonijiet appena magħmulin iwasslu lill-Qorti sabiex tirravviża wkoll fl-azzjonijiet tal-imputat Agius, ħtija għar-reati addebitat lilu fit-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, ċioe' kompliċita' fir-reati taħt l-Artikoli 180 u 188 tal-Kap. 9.

reati addebitati lilu in konnessjoni mal-falsifikazzjoni tad-dokument użat b'rabta mal-kapaċita' rappreżentattiva li deher fiha l-imputat Agius fuq il-kuntratt fuq imsemmi, l-istqarrija falza li saret fil-kuntratt f'dan ir-rigward u l-użu ta' dan l-imsemmi dokument falsifikat.

Kwantu għar-reat ta' truffa u ta' frodi innominat, l-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali jqis bħala kompliċi kull min, *inter alia* b'xi mod li jkun, xjentement, ikun għen jew assista lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat. Billi l-imputat Falzon qed jiġi akkużat biss b'kompliċita' u mhux bħala l-awtur tar-reat ta' frodi u stabbilit li l-elementi kollha ta' dan ir-reat jissussistu fil-konfront tal-awtur tad-delitt, hija l-fehma tal-Qorti li mhux meħtieġ li jiġi ppruvat in kwantu għall-imputat Falzon, l-elementi kollha kostituttivi tad-delitt ta' frodi iżda jenħtieġ biss li jiġu ppruvati l-elementi tal-kompliċita' tiegħu fit-twettiq ta' dawn id-delitti mill-aġent. Għaldaqstant, kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mid-difiza waqt it-trattazzjoni, mhux meħtieġa l-prova tal-element speċifiku tal-lukru frawdolenti da parti tal-imputat Falzon.

Għandu jingħad illi filwaqt li l-Qorti taqbel mal-imputat Falzon li huwa ma kellux bżonn jiffroda lil ħadd biex jagħmel xi gwadann għalih innifsu għaliex huwa ppruvat li kien Nutar imfittex ħafna b'klijentela vasta, huwa evidenti li minkejja dan, huwa ppruvat lil hinn minn kull dubju raġjonevoli li huwa **assista lill-imputat Agius biex b'atti esterni, ċioe' permezz tal-istipolazzjoni falza li għamel fil-kuntratt dwar ir-rappreżentanza tiegħu tal-kumpannija Geot u permezz tal-użu ta' dokument falsifikat, ibiegħ il-penthouse in kwistjoni lil Mary Violet Mifsud.**

Il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-involviment tal-imputat Falzon f'dan il-każ kien ta' kompliċita' fil-qerq imwettaq mill-imputat Agius għad-dannu ta' Mary Violet Mifsud u Geot Developments Limited u hija pjenament sodisfatta li l-atti materjali mwettqin mill-imputat Falzon konsistenti fid-dikjarazzjonijiet foloz stipolati fil-kuntratt tas-27 ta' Diċembru 2007, kif ukoll l-awtentikar tal-fotokopja tar-riżoluzzjoni tal-kumannija Geot, kienu atti mwettqin biex jassistu lill-awtur tad-delitt ta' frodi,

jilħaq l-għan tiegħu. Huwa wkoll ovvju għall-Qorti li l-imputat Falzon għamel dan kollu biss biex jaġevola lill-imputat Agius, li *ex admissis* kien ilu jaħdem miegħu fuq bażi professjonali għal tletin sena jew iktar. **Għaldaqstant, l-imputat Falzon qed jinstab ħati ta' kompliċita' fir-reat addebitat fit-tmien imputazzjoni**.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti sejra tgħaddi issa biex tistħarreġ il-ħtija o meno tal-imputat Falzon għar-reati addebitati lilu taħt it-Titolu V tat-Tieni Taqsima tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali[38], speċifikatament ir-reati ta' falsifikazzjoni ta' skritturi pubbliċi u privati taħt is-Sub Titolu II tal-imsemmi Titolu. Hu qed jiġi akkużat bir-reati taħt l-Artikoli 179, 180, 181, 184, 187, 188 u 189[39] tal-Kap. 9.

Għar-rigward tar-reat tal-falsifikazzjoni, il-liġi tikkontempla diversi forom ta' falz f'dokumenti pubbliċi u skritturi privati. Hekk kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Galea**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 1997:-

*"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi iffalsifikat fl-essenza tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut idejali tieghu (ara antolisei F. Manuale di Diritto Penali – V.VI n.2296 – 829). Ikun hemm falz materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur rejali tad-dokument jew meta d-dokument ikun isubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico, perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew ta' volonta*

[38] Fuq id-Delitti kontra l-Fiduċja Pubblika.
[39] Ir-reat taħt l-Artikolu 189 tal-Kap. 9 hija dispożizzjoni ġenerali li ma jinstabx fis-Sub Titolu II.

*(Antolisei F. op.cit p594). S'intendi b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' issir kemm bl-id, kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg."*

Kwantu għad-dokument konsistenti fir-riżoluzzjoni tal-kumpannija Geot li ntużat għall-fini tal-kuntratt tas-27 ta' Diċembru 2007, m'hemmx dubju li l-imputat Falzon qed jigi mixli b'falz ideoloġiku u ċioe` li ħareġ dokument li kien materjalment wieħed veru, izda li kien jikkontjeni affarijiet inveritjeri. Kif diġa' ġie stabbilit, għall-Qorti hija biżżejjed ix-xhieda ta' Peter Diacono - li eskluda kategorikament li huwa qatt iffirma din ir-riżoluzzjoni u li awtorizza lill-imputat Agius jidher għan-nom tal-kumpannija - biex tqis bħala ppruvata t-teżi tal-Prosekuzzjoni li r-riżoluzzjoni tal-kumpannija Geot[40] hija falsifikata. L-imputat Falzon stqarr fix-xhieda tiegħu li din ir-riżoluzzjoni intużat biex fuq dak li hemm miktub fuqha, huwa għamel il-kuntratt, iżda ċaħad bil-qawwa l-allegazzjoni li huwa iffalsifika dan id-dokument kif ukoll li kien jaf li d-dokument m'huwiex awtentiku.

Kwantu għall-falsifikazzjoni fiha nnifisha, il-Qorti tqis illi l-prova li kien l-imputat Falzon li ffalsifika dan id-dokument partikolari, ma nġabitx mill-Prosekuzzjoni. Huwa minnu li l-fatt li r-relazzjoni professjonali bejn l-imputati kienet tmur lura diversi snin, ma jeżonerax lill-imputat Falzon mir-responsabbilita' professjonali li jivverifika l-awtenċita' ta' dokumenti li jiġu mgħoddija lilu u li ser jintużaw għall-fini ta' dikjarazzjonijiet li jsiru f'att pubbliku, iżda dan in-nuqqas waħdu mhux biżżejjed biex jikkostitwixxi prova fil-grad meħtieġ fil-kamp kriminali li kien proprju l-imputat Falzon innifsu li ffalsifika dan id-dokument. **Il-Qorti madanakollu, hi moralment konvinta li l-imputat Falzon kien jaf li r-riżoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi ta' Geot ma kienx dokument awtentiku u speċifikatament, kien jaf li l-imputat Peter**

[40] Dok. AG1.

**Agius ma kellux is-setgħa jirrappreżenta lill-kumpannija fuq il-kuntratt ta' bejgħ tas-27 ta' Diċembru 2007.**

Tibda biex tosserva illi fix-xhieda tiegħu, l-imputat Falzon jafferma li huwa kien jaf bil-konvenju konkluż bejn Geot u l-imputat Agius u għalhekk, isegwi li huwa kien jaf ukoll bil-patt li l-kumpannija kienet obbligata tidher fuq il-kuntratt – kif del resto hija l-proċedura solita f'każijiet bħal dawn - biex tawtorizza t-trasferiment kemm il-darba l-kriterji stipolati kienu sodisfatti. **Madanakollu, huwa stqarr li ppubblika l-kuntratt ta' bejgħ abbażi ta' dak li kien hemm miktub fid-dokument mingħajr ma ra l-oriġinal jew ivverifika ma' Peter Diacono dwar l-awtentiċita' tad-dokument, meta kien jaf li dan kien jikkonsisti biss f'fotokopja li la hija awtentikata u lanqas datata u minkejja wkoll li, kif stqarr huwa stess, kien jaf li l-penthouse in kwistjoni kienet għadha formalment proprjeta' tal-kumpannija Geot**. Ma jistax ma jiġix osservat ukoll li huwa kien ferm vag dwar il-provenjenza tar-riżoluzzjoni in diżamina.

Dan kollu magħdud u miżmum ferm ukoll dak li sejjer jingħar iktar 'l quddiem dwar id-dikjarazzjoni l-oħra falza li saret fl-istess kuntratt dwar it-trasferiment tal-fond bħala liberu minn drittijiet ipotekarji ta' terzi u dwar ir-reġistrazzjoni ta' nota ta' referenza falza, il-Qorti hija konvinta moralment illi l-imputat kien konxju li d-dikjarazzjoni li tinsab fir-riżoluzzjoni dwar id-delega mogħtija lill-imputat Agius biex jidher għan-nom tal-kumpannija Geot, ma kienetx veritjiera bħalma kien jaf li Peter Agius ma kellux ir-rappreżentanza leġittima biex jidher għan-nom tal-kumpannija. Il-korollarju ta' dan hu li d-dikjarazzjoni korrispondenti li huwa għamel fil-kuntratt pubbliku, speċifikatament fl-istipolazzjoni "*deher ... Peter Agius ... għan-nom tas-soċjeta' Geot Developments Limited*"[41], ukoll hija falza. Fil-kumpless taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, m'huwa xejn verosimili li l-imputat Falzon ma setax jobsor li dan id-dokument ma kienx veritjer u li Peter Agius effettivament ma kellux is-setgħa jidher fuq il-kuntratt għan-nom ta' Geot u għalhekk, id-difiża tiegħu fir-rigward ma tistax titqies serjament bħala waħda pruvata sal-grad tal-probabbli.

---

[41] Ara insinwa tal-kuntratt ta' rexxissjoni, Dok. EM2, fol. 113.

Hawnhekk il-Qorti tosserva wkoll illi mill-provi inkluż mix-xhieda tal-imputat Falzon innifsu, jirriżulta li huwa iċċertifika l-fotokopja tad-dokument li waslet għandu, bħala vera kopja u ttranżuntaha fl-atti tiegħu tat-3 ta' Novembru 2007, nonostante l-fatt li kif xehed huwa stess, kien jaf li kellu fil-pussess tiegħu fotokopja mhux awtentikata tar-riżoluzzjoni in kwistjoni u ma kienx jaf dan id-dokument minn fejn kien ġie. Għall-Qorti, il-fatt li l-imputat kien jaf li r-riżoluzzjoni ma kienetx fl-oriġinal u lanqas kienet awtentikata ifisser li huwa ma setax jiċċertifikaha bħala xi ħaġa li m'hijiex, ċioe' bħala "*vera kopja*" ta' dokument fl-atti tiegħu bħala Nutar, għaliex b'hekk addossaha b'awtentiċita' legali meta kien jaf li kienu neqsin fiha l-elementi meħtieġa biex din tkun awtentikata.

**F'dan kollu l-Qorti tirravviża l-ħtija tal-imputat Falzon għar-reati addebitati fit-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet safejn dawn jikkonċernaw ir-riżoluzzjoni tal-kumpannija Geot[42].**

Ikkunsidrat;

L-imputat Peter Agius jinsab akkużat ukoll b'kompliċita' mal-imputat Falzon fil-kommissjoni tar-reati taħt l-Artikoli 180 u 188 tal-Kap. 9 u dan fit-tieni u t-tielet imputazzjonijiet addebitati lilu.

Applikati l-konsiderazzjonijiet diġa' magħmulin fir-rigward tal-ħtija tal-imputat Peter Agius għar-reat ta' truffa addebitata fl-ewwel akkuża miġjuba kontrih, u peress li kif diġa' stabbilit, l-imputat Agius kien jaf li ma setax jersaq għall-bejgħ tal-appartament waħdu mingħajr ukoll il-presenza tal-kumpannija Geot, il-Qorti ma tistax titqies bħala raġjonevolment attendibbli l-ipotesi li l-istess imputat ma kienx jaf li kien għamel dikjarazzjoni falza fuq il-kuntratt in kwistjoni meta ġie stipolat li huwa kien qed jidher għan-nom tal-kumpannija Geot. Għaldaqstant, il-Qorti hi moralment konvinta bil-ħtija tiegħu wkoll għar-reati taħt l-Artikoli 180 u 188 tal-Kap. 9 għaliex ġie ppruvat li

[42] Reat taħt l-Artikoli 180, 181, 188, 184 u 187 tal-Kap. 9.

huwa assista lill-imputat Falzon bħala n-Nutar li ppubblika l-kuntratt tas-27 ta' Diċembru 2007, meta dan tal-aħħar niżżel bħala veru il-fatt falz li l-imputat Agius kien awtorizzat jidher għan-nom ta' Geot Developments Limited fuq l-imsemmi kuntratt, liema kuntratt ġie insinwat fir-Reġistru Pubbliku. **Dan ifisser li l-imputat Peter Agius għandu jinsab ħati wkoll tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet miġjuba kontrih**.

Għall-kompletezza, il-Qorti tqis ukoll li l-imputat Agius għamel xjentement, dikjarazzjoni falza anke safejn ġie stipolat li huwa kien qed ibiegħ il-penthouse lil Mary Violet Mifsud bħala liberu u frank u kwindi ħielsa mill-ipoteka tal-Bank: fix-xhieda tiegħu filwaqt li huwa stqarr bla tlaqliq li kien jaf li kien hemm bżonn *waiver* mill-Bank biex il-fond jista' jinbiegħ mingħajr l-ipoteka, stqarr ukoll li ma kienx jaf jekk Peter Diacono kienx neħħa l-ipoteki. Dan ifisser li huwa kien jaf li kien hemm bżonn ta' rinunzja tad-drittijiet ipotekarji iżda minkejja dan, huwa naqas milli jivverifika ma' Diacono jekk il-Bank kienx neħħa l-ipoteka biex jista' jsir it-trasferiment. Dan kollu magħdud huwa biżżejjed biex jikkonvinċi lill-Qorti illi l-imputat Agius ma setax ma kienx jaf li d-dikjarazzjoni li għamel fil-kuntratt ta' bejgħ li l-*penthouse* kien qed jinbiegħ bħala liberu frank, ukoll kienet waħda mhux veritjiera. Għalhekk ma tistax tqis bħal probabbli l-verżjoni tiegħu li ħalla f'idejn in-Nutar biex jieħu ħsieb l-arranġamenti mal-Bank għar-riduzzjoni tad-drittijiet ipotekarji fuq l-penthouse in vendita, meta fl-istess waqt huwa jistqarr li ma kienx tkellem ma' Diacono dwar dan il-bejgħ. **Minn dan il-Qorti hi moralment konvinta bil-ħtija tiegħu għat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet anke safejn jikkonċerna d-dikjarazzjoni li huwa kien qed ibiegħ il-penthouse bħala liberu u frank**.

**<u>Reati Konnessi mad-Drittijiet Ipotekarji tal-Bank fuq il-Fond mibjugħ lil Mary Violet Mifsud</u>**

Kwantu mbagħad għall-fatti li jikkonċernaw id-drittijiet ipotekarji tal-Bank fuq il-penthouse mibjugħ lil Mary Violet Mifsud bis-saħħa tal-kuntratt tas-27 ta' Diċembru 2007, l-imputat Falzon xehed illi r-reġistrazzjoni tan-nota ta' referenza fis-6 ta' Marzu

2009 bir-riduzzjoni tad-drittijiet ipotekarji naxxenti min-nota 21619/04, kien żball ġenwin da parti tiegħu: id-difiża tikkontendi li huwa nieqes għalhekk l-element formali tad-*dolo*. L-imputat Falzon fisser li huwa kien jaf li l-fond kien kolpit b'ipoteka favur il-Bank għaliex dan irriżulta meta saru r-riċerki qabel ġie pubblikat il-kuntratt u żied jgħid li huwa kien ipprepara n-nota ta' referenza bil-quddiem ħalli meta jsir il-kuntratt ikun hemm kollox lest. Xehed ukoll li apparti r-rinunzja tad-drittijiet ipotekarji tiegħu fuq dan il-penthouse, il-Bank kellu jagħti *waiver* ieħor fuq proprjeta' ta' terzi persuni, madanakollu, meta wasal biex jiġi pubblikat il-kuntratt tal-Geot il-Bank infurmah illi ma kienx għadu ħareġ l-approvazzjoni biex l-ipoteka relattiva tiġi rilaxxata; għalhekk, hu qata' mill-att il-parti li kienet tikkonċerna l-*waiver* fuq il-fond ta' Geot u ppubblika biss il-*waiver* l-ieħor. L-imputat xehed illi peress li n-nota ta' referenza kienet tlestiet minn qabel, din inqabdet ma' dokumentazzjoni l-oħra u kien bi żball li ġiet insinwata n-nota ta' referenza b'rabta mal-fond li nbiegħ bil-kuntratt tas-27 ta' Diċembru 2007.

L-imputat Falzon xehed ukoll illi huwa ntebaħ li n-nota ta' referenza in kwistjoni ġiet reġistrata bi żball "*wara xi ġurnata jew tnejn ... u mal-ewwel malli indunajna konna għamilna nota oħra ... korrettorju ta' dik il-waiver li fil-fatt ma kellhiex issir u fil-fatt daħlet u ġiet reġistrata normali jiġifieri u fi ftit ġranet dawn l-affarijiet saru ....*"[43]

Iżda sussegwentement huwa irrikonoxxa illi jista' jkun illi huwa sar jaf li l-Bank ma kienx wara kollox irrinunzja għad-drittijiet ipotekarji tiegħu, għaliex ċemplet Dr. Helen Borg Muscat mill-Bank biex tistaqsih kif ġiet reġistrata n-nota' ta' referenza fuq il-penthouse ta' Geot meta hi ma kienetx iffirmat dik ir-rinunzja. Dan iktar minn sena wara u mhux wara xi gurnata jew tnejn.

Il-Qorti ma tqisx illi l-verżjoni tal-imputat Falzon jagħmel sens meta din titqiegħed fl-isfond tal-provi li jinsabu fl-atti. Ibda biex in-nota ta' referenza ġiet reġistrata fis-6 ta' Marzu 2009[44], iktar minn sena wara li ġie pubblikat il-kuntratt ta' kanċellament tal-

[43] Xhieda tal-imputat Falzon, fol. 412.
[44] Fol. 145.

ipoteka fuq il-fond ta' ċertu John u Mary Deguara fit-18 ta' Frar 2008. Barra dan, din in-nota ta' referenza u l-kopja awtentikata tal-kuntratt tat-18 ta' Frar 2008[45] bil-waiver tal-Bank fuq il-fond ta' Geot, feġġew biss (i) wara t-talba li saret lill-imputat Falzon min-Nutar Elena Farrugia biex jagħmel verifiki dwar l-ipoteka fuq il-fond in kwistjoni wara li mir-riċerki li kienet għamlet sa dak iż-żmien, irriżultalha li ma kien ġie insinwat l-ebda *waiver* ta' din l-ipoteka, u wkoll (ii) wara li Dr. Helen Borg Muscat talbet għal kopja tal-kuntratt ta' rinunzja. Dan kollu seħħ iktar minn sena wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt.

Fin-noti tieghu l-Professur Mamo jghid is-segwenti in materja:-

"*an intention merely to deceive, that is to represent as genuine a document which is known to be false, is sufficient ... or perhaps more correctly it can be said that the intention to defraud or alter the rights of others does not require to be proved, because such intention is presumed by the law from the very fact of the forgery of the document in any one of the manners specified by law.*"

Ukoll:-

*"Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v Charles Lebrun (1945)*** *gie deciz li:- "trattandosi ta' dokumenti pubblici falsifikati, il-fatt stess tal-falsifikazzjoni jikkostitwixxi l-ingann u l-hsara, jigifieri l-vjolazzjoni tal-fiducja li tinghata lid-dokument pubbliku.*"[46]

**Dan kollu jista' jfisser biss illi l-imputat Falzon irreġistra n-nota ta' referenza fis-6 ta' Marzu 2009 mhux għaliex din saret bħala abbozz antiċipatament għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ u inqabdet bi żball ma' dokumenti oħrajn intiżi għall-insinwa, iżda għaliex inqalgħet il-ħtieġa li jiġi sostanzjat dak li ġie dikjarat fil-kuntratt ta' bejgħ tas-27 ta' Diċembru 2007, ċioe' li l-fond kien ġie**

[45] Dok. EF1. Dan kien ġie mgħoddi mill-imputat lin-Nutar Dr. Elena Farrugia.
[46] Ċitat fis-sentenza **Il-Pulizija v Patrick Spiteri** – deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22.10.2004.

**trasferit ħieles minn kull piż ipotekarju**. Għall-Qorti, kieku din in-nota ta' referenza kellha tinqabad ma' karti oħrajn u tiġi reġistrata bi żball, dan kien iseħħ fiż-żmien meta sar il-kuntratt ta' bejgħ jew talanqas, ftit wara, meta ġie pubblikat il-kuntratt ta' kanċellament fit-18 ta' Frar 2008, iżda ċertament mhux iktar minn sena wara. Dan kollu fil-fehma tal-Qorti hu ferm sintomatiku tal-fatt li n-nota ta' referenza kontenenti d-dikjarazzjoni falza tar-rinunzja tal-ipoteka, ġiet falsifikata mill-imputat Falzon u reġistrata minnu xjentement.

**Għalhekk il-Qorti tqis illi fir-reġistrazzjoni da parti tal-imputat Falzon tan-nota ta' referenza falsifikata tas-6 ta' Marzu 2009 fir-Reġistru Pubbliku, huma riskontrabbli l-elementi kollha tar-reati taħt l-Artikoli 180, 184 u 188 tal-Kap. 9 addebitati lilu fit-tieni, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet**: hawnhekk huwa effettivament irreġistra att pubbliku li fih iddikjara bħala veru il-fatt falz li l-Bank irrinunzja għad-drittijiet ipotekarji tiegħu fuq il-penthouse mibjugħ lil Mary Violet Mifsud, meta dan ma kienx minnu u konsegwentement ukoll, għamel stqarrija falza u xjentement għamel użu minn att ossia dokument falz.

**Dawn l-elementi huma riskontrabbli ugwalment fir-rilaxx tal-kopja awtentikata tal-kuntratt datat 18 ta' Frar 2008 kontenenti d-dikjarazzjoni falza ta' rinunzja da parti tal-Bank għad-drittijiet ipotekarji fuq in fond ta' Geot**: dikjarazzjoni li ġie ppruvat li qatt ma saret mill-Bank dak iż-żmien. Għall-Qorti hu ovvju li jekk, kif ġie debitament ippruvat, fit-18 ta' Frar 2008 Dr. Helen Borg Muscat kienet dehret quddiem l-imputat Falzon **biss** għall-kanċellament tal-ipoteka fuq il-fond ta' John u Mary Deguara u għalhekk l-istess imputat Falzon effettivament ippubblika biss il-kanċellament esebit bħala Dok. EM3[47] u mhux ukoll ir-rinunzja għall-ipoteka fuq il-penthouse ta' Geot, **allura l-produzzjoni tad-dokument Dok. EF1 li ngħata lill-Bank bħala kopja tal-att pubbliku tat-18 ta' Frar 2008, ma jistax ħlief ġiet falsifikata mill-imputat u ngħata lil terzi bil-konoxxenza pjena li din kienet kopja falsifikata tal-att ippubblikat minnu fit-18 ta' Frar 2008**. Dan il-kuntratt kien, għal min jarah, kopja, taħt il-firma tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, tal-kuntratt

---
[47] Fol. 331.

ippubblikat fit-18 ta' Frar 2008: ma hemmx dubbju li bħala suppost kopja ta' kuntratt pubbliku magħmul minn uffiċjal pubbliku, din il-kopja kienet intiża biex tagħti fidi pubblika tal-kontenut tagħha u għalhekk **hija hawnhekk riskontrabbli l-ħtija fl-imputat Falzon għar-reati lilu addebitati fit-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet taħt l-Artikoli 180, 181 u 188 tal-Kap. 9**.

Barra dan, ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li d-dikjarazzjoni falza li saret fil-kuntratt ta' bejgħ tas-27 ta' Diċembru 2007 in kwantu għat-trasferiment tal-fond bħala liberu u frank, saret mill-imputat Falzon xjentement għaliex m'huwiex kontestat li sa dak iż-żmien huwa kien jaf illi l-Bank ma kienx għadu approva r-rinunzja għall-ipoteka tiegħu fuq il-fond[48]. **Dan ifisser ukoll li huma ravviżabbli anke hawnhekk, l-elementi kollha tar-reat taħt l-Artikolu 188 tal-Kap. 9, addebitat lilu fir-raba' imputazzjoni, ukoll f'dan ir-rigward**.

**Madanakollu, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tressaq prova dwar il-ħtija tal-imputat Falzon għall-ewwel imputazzjoni dwar ir-reat taħt l-Artikolu 179 tal-Kap. 9** għaliex imkien mill-atti ma jirriżulta li l-imputat għamel falsifikazzjoni permezz ta' tibdil f'atti jew skritturi jew f'kitba magħmula jew imniżżel f'reġistri jew f'atti pubbliċi, **wara li dawn kienu diġa' ffurmati jew magħluqa**. Huwa minnu li l-imputat Falzon ħareġ minn taħt idejh kopja awtentikata tal-att pubbliku tat-18 ta' Frar 2008 meta dak l-att pubbliku ma kienx jeżisti f'dik il-forma, bħalma huwa minnu wkoll li huwa rreġistra fir-Reġistru Pubbliku nota ta' referenza falsifikata, iżda din il-falsifikazzjoni, fiż-żewġ każijiet, saret separatament f'att *ad hoc* u mhux fl-atti nfushom wara li dawn kienu diġa' ffurmati. Effettivament hija nieqsa l-prova li l-falsifikazzjoni li huwa wettaq f'dawn l-atti, wettaqha meta dawn kienu jinsabu ġia' magħluqin: għall-kuntrarju, jirriżulta li dawn l-imsemmija atti ma ssubewx alterazzjonijiet wara l-formazzjoni taghhom. Fil-fatt, l-att pubbliku tat-18 ta' Frar 2008 kif insinwat fir-Reġistru Pubbliku huwa l-istess wieħed li ġie

[48] Din il-konvinzjoni tal-Qorti hija msaħħa ulterjorment b'dak li diġa' ġie stabbilit li jirriżulta mill-provi b'rabta mar-riżoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi ta' Geot Developments Limited liema dokument, skont l-imputat Falzon innifsu, serva bħala l-bażi tad-dikjarazzjoni mhux veritjera dwar il-kapaċita' rappreżentattiva li fiha l-imputat Agius deher fuq il-kuntratt tas-27 ta' Diċembru 2007.

pubblikat oriġinarjament u ma sar l-ebda tibdil fih bil-mod prospettat mill-Artikolu 179 tal-Kap. 9.

**Lanqas tista' tinstab ħtija fl-imputat Falzon għar-reat taħt l-Artikolu 189 tal-Kap. 9** ġaladarba qed jinstab ħati tar-reat taħt l-Artikolu 188 tal-istess Kodiċi Kriminali. Dan għaliex huwa ħati tar-reat taħt l-Artikolu 189 kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat **mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu**: diġa' ġie ppruvat li l-imputat Falzon għamel falsifikazzjoni ta' atti pubbliċi li kienu intiżi għal awtorita' pubblika, kif ukoll għamel użu minnhom, skont kif prospettat fid-disposizzjonijiet preċedenti tat-Titolu V (Fuq Delitti Kontra l-Fiduċja Pubblika).

**<u>Piena</u>**

**Kwantu għall-imputat Pierre Falzon**, il-Qorti trid tagħmilha ċar li r-reat ta' falsifikazzjoni, *multo magis* meta si tratta ta' falsifikazzjoni ta' att awtentiku u pubbliku huwa reat serju ħafna proprju għaliex huwa reat kontra l-fiduċja pubblika, ċioe' dik il-fiduċja li suppost inisslu atti li jkunu jġibu l-firma ta' Nutar Pubbliku. Dan ir-reat jassumi gravita` partikolari meta jiġi kommess min-Nutar innifsu, l-uffiċjal pubbliku li ġie rikonoxxut u fdat mill-Istat sewwasew b'dik il-fiduċja pubblika. Fiduċja pubblika li mbagħad huwa spiċċa ittradixxa. Għalhekk ma hemmx dubbju li f'dan il-każ il-piena għandha tkun waħda karċerarja u dan biex tenfasizza l-gravita` ta' dak li għamel l-imputat kif ukoll biex topera bħala deterrent għall-uffiċjali pubbliċi li bħall-imputat Falzon, huma muniti bil-fiduċja pubblika. Ħadet qies ukoll tal-gravita' tar-reat ta' kompliċita' f'truffa u frodi nnominat, fejn l-ammont tal-ħsara kien ta' valur ta' mhux inqas minn €65,000.

Mil-lat l-ieħor iżda, kif sewwa sottomettiet id-difiża, il-partijiet kollha li b'xi mod kienu involuti bħala vittmi f'dawn ir-reati, reġgħu tqiegħdu lura fil-pożizzjoni oriġinali tagħhom mingħajr ma ntwera li xi ħadd minnhom soffra xi danni jew telf materjali attwali – għalkemm, għandu jingħad, li dan kollu sar mhux b'mertu tal-

imputati jew xi wieħed minnhom iżda biss bil-ħila tan-Nutar Elena Farrugia li wettqet xogħolha kif suppost.

Għandu jittieħed qies ukoll tal-fatt illi r-reati li qed jinstab ħati tagħhom l-imputat Falzon jissodisfaw l-elementi tar-reat kontinwat kontemplat fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9, ċitat mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju u għalhekk ser jitqiesu bħala reat wieħed. Ukoll il-fatt illi l-fedina penali tal-imputat Falzon turi li qatt qabel it-twettiq ta' dawn ir-reati, ma kien ikkommetta xi reat, lanqas wieħed ta' natura kontravvenzjonali. F'kull każ, bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' diversi mir-reati li qed jinstab ħati tagħhom l-imputat, għandha tingħata kwantu għal dawn ir-reati, biss il-piena għar-reat l-iktar gravi li f'dan il-kaz huwa r-reat taħt l-Artikolu 180 tal-Kap. 9 li jagħmel referenza għall-Artikolu 179 tal-istess Kap. 9[49].

**Kwantu għall-imputat Peter Agius**, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni s-serjeta' tar-reati li qed jinstab ħati tagħhom u l-fatt illi l-frodi mwettaq minnu kien jikkonċerna trasferiment tal-valur ta' xejn inqas minn €65,000. Iżda qieset ukoll il-fatt illi l-partijiet eventwalment tqiegħdu lura fil-pożizzjoni oriġinali tagħhom, għad illi mhux b'mertu tal-imputat, kif ukoll il-fatt illi huwa mhux qed jitqies bħala reċidiv. Effettivament, il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova kwalsiasi dwar l-addebitu tar-reċidiva li ġie miġjub fir-raba' imputazzjoni fiċ-Ċitazzjoni u ressqet biss kopja tal-fedina penali tal-imputat li, bħalma huwa paċifikatament rikonoxxut, ma tikkostitwixxix l-aħjar prova tal-addebitu tar-reċidiva. Għaldaqstant, dan l-addebitu ma ġiex ippruvat fil-grad li trid il-liġi u l-imputat Agius huwa mhux sejjer jinstab ħati ta' dan l-addebitu.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibx lill-imputat PETER SIVE PIERRE FALZON ħati tar-reati addebitati lilu fl-ewwel u s-seba' imputazzjonijiet u tiliberah minnhom, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 42, 180 (li jagħmel referenza**

[49] Tosserva wkoll illi fiż-żmien tal-kommissjoni tar-reati li qed jinstab ħati tagħhom l-imputat, il-piena għar-reat taħt l-Artikolu 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, kien ta' priġunerija bejn tlettax-il xahar u sentejn u ma tapplikax il-piena fis-seħħ illum, kif miżjuda bl-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-2014.

**għall-Artikolu 179), 181, 184, 187, 188, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda ssib lill-istess PETER SIVE PIERRE FALZON ħati tat-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt u t-tmien imputazzjonijiet u tikkundannah sentejn priġunerija effettiva.**

**Għall-fini tal-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna wkoll lill-ħati jkun skwalifikat milli jkollu jew jikseb għal żmien ħames snin, il-warrant ta' Nutar Pubbliku f'Malta.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikoli 10 u 190 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati għall-interdizzjoni ġenerali perpetwa u għal dan il-fini tordna li din is-sentenza tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.**

**Kwantu għall-imputat PETER AGIUS, wara li rat l-Artikoli 17, 42, 180, 188, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issibu ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet iżda mhux ħati tal-addebitu tar-reċidiva miġjub fir-raba' imputazzjoni u tikkundannah għoxrin (20) xahar priġunerija iżda, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk, matul perijodu ta' erba' (4) snin mil-lum, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

**Billi ma ġewx maħtura l-ebda esperti, tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni għall-ħlas tal-ispejjez taħt l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Għall-finijiet tal-Artikolu 28A(8) u l-Artikolu 10(7) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**